MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2009

**E G**
**vs**
**T G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fit-30 ta' Settembru 2004, inter alia, giet assenjata lill-attrici d-dar matrimonjali "Raydor" Treiq is-Serkin Marsa u assumiet id-dejn gravanti l-istess fond favur il-Bank of Valletta ammontanti dak iz-zmien ghal circa LM7,000; li l-partijiet iddikjara fl-istess kuntratt li dan kien l-uniku dejn in komuni li kien hemm dak iz-zmien favur l-imsemmi Bank; li permezz tal-klawsola numru 8[b] ta' l-istess kuntratt, il-partijiet ftehmu li "..d-dejn gravanti l-kommunjoni ta' l-akkwisti jkun a kariku esklussiv tal-parti li tkun ikkuntrattat tali dejn. Il-partijiet qedin bil-prezent jassumu kull responsabbilita' ghall-hlas ta' kull dejn u

ghall-ezekuzzjoni ta' kull obbligu assunt minnhom qabel id-data tallum …… u ghal dan il-ghan kull parti qeghda tobbliga ruhha li thallas id-dejn hekk pagabbli minnha, u tobbliga ruhha li tindenizza lill-parti l-ohra f' kaz illi dik il-parti tkun kostretta thallas tali dejn."; li qabel il-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt il-konvenut kien xtara bid-dejn diversi vetturi minghad certu Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta 'Antoine Auto Dealer'; li f' xi zmien il-konvenut wahdu kien iffirma dikjarazzjoni fejn iddikjara li huwa kien debitur tal-imsemmi Antoine Vassallo fis-somma ta' LM13,450 [illum €31,325.05]; li sussegwentement l-imsemmi Antoine Vassallo fetah kawza kontra l-attrici u zewgha ghall-hlas ta' dan l-ammont, u b' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2002, l-istess Antoine Vassallo gie kanonizzat kreditur tal-konjugi G fl-imsemmi ammont oltre l-imghax legali mill-20 ta' Ottubru 1999 li sat-3 ta' Frar 2006 kien jammont ghal LM6,725 [illum €15,665], u bl-ispejjez legali ammontanti ghal LM1,584.66 [illum €3,691.26]; li l-appell tal-konvenut kien gie dikjarat dezert minhabba li ma thallsitx il-kawtela; li fit-3 ta' Frar 2006 l-imsemmi Antoine Vassallo stitwixxa proceduri ghall-bejgh bis-subbasta ta' l-imsemmi fond li allura tieghu l-attrici kienet l-unika proprjetarja bis-sahha tal-kuntratt fuq indikat, kif ukoll irregistrat ipoteki bin-numri 2389/2006 u 2794/2006, kontra l-konjugi G; li l-attrici nterpellat lill-konvenut biex ihallas dan id-dejn li kien ikkuntratta l-konvenut qabel is-separazzjoni u li bis-sahha tal-klawsola 8b ta' l-istess kuntratt kellu jithallas esklussivament mill-konvenut; li, ghalkemm talbet lill-Antoine Vassallo sabiex jiehu passi kontra zewga, u li bis-subbasta kienet fil-perikolu li titlef id-dar fejn kien tghix ma' uliedha minuri, il-konvenut ma hallas xejn, u ghalhekk il-kreditur kompla bis-subbasta; li, stante li l-attrici ma kellhiex mezz iehor biex jithallas Vassallo, sar arrangament biex bieghet did-dar imsemmija lil bintha Amanda G b' kuntratt pubblika fis-16 ta' Awissu 2006, u mir-rikavat halset lil Vassallo is-somma ta' LM20,000 [illum €46,587] ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu; li l-konvenut, ghalkemm mitlub biex jindennizza lill-attrici, baqa' inadempjenti; u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni, id-dejn li l-konvenut ikkuntratta mal-

imsemmi Antoine Vassallo fix-xiri tal-karrozzi huwa bejn il-partijiet responsabbli ghalih b' mod esklussiv il-konvenut; [2] li wkoll ai termini ta' l-istss kuntratt, il-konvenut huwa responsabbi u marbut li jindennizza lill-attrici l-imsemmija somma ta' LM20,000 [illum €46,587] li hija kienet kostretta thallas lill-Antoine Vassallo; [3] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont; bl-imghax legali mis-16 ta' Awissu 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut ddikjara li t-talbiet attrici huma nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti; li ghad li hu minnu li skond l-imsemmija klawsola "il-partijiet ftehmu wkoll li d-dejn gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jkun a karigu esklussiv tal-parti li tkun ikkuntrattat id-dejn, id-ebitu mertu ta' din il-kawza,kien gie kkuntrattat waqt l-istess komunjoni mit-tnejn."[1]; li l-attrici kienet ben konsapevoli ta' dan id-debitu kuntrattat snin ilu, "u dan anke a tenur ta' dak li jippredisponi l-artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; li tant hu minnu dan li l-attrici fil-kawza stitwita minn Antoine Vassallo "ma kienitx tax xi eccezzjoni biex tiskolpi minnha minn dak id-dejn."[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li l-konvenut jindennizzaha fl-imsemmi ammont ta' LM20,000 [illum €46,587], rapprezentanti flus li hi kienet kostretta li thallas lil Antoine Vassallo u li kienu jirrapprezentaw dejn li kellu jithallas eskluzzivament mill-konvenut fit-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u bejn l-istess konvenut.

[1] Fol.42
[2] Fol.42

Illi l-Qorti hi tal-fehema li l-attrici pprovat sodisfacentement il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnha fir-rikors guramentat.

Jigi osservat ulterjorment li fl-affidavit[3] taghha tghid li, ghalkemm matul il-konvivenza hija kienet taf li l-konvenut kien jiggestixxi negozju fil-karrozzi sekonda man, izda "Dwar in-negozju tieghu lili ma kien jurini xejn, la dwar dhul u lanqas dwar dejn." u fid-depozizzjoni taghha tghid: "… lili ma kien jurini u jghidli b' xejn. La qala' u lanqas bejgh. Qatt ma kien jurini. Dejjem jghaffeg wahdu."[4]

Tghid ukoll li "Meta ffirmajna l-kuntratt tas-separazzjoni lili [il-konvenut] kien assigurani quddiem in-Nutara u l-Avukati rispettivi taghna li dejn iehor ma kienx hemm. Kien ghalhekk illi fil-kuntratt semmejna illi dejn iehor ma kienx hemm." Dan jsib konfort fl-ewwel parti tal-klawsola 8b fuq citata li fiha l-partijiet, u allura wkoll il-konvenut, iddikjaraw inter alia hekk: "il-partijiet jiddikjaraw li salv ghad-dejn assenjat permezz ta' dan il-kuntratt [relattiv ghad-dar matrimonjali] ma hemm ebda djun jew debiti ohra gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti."[5] Din id-dikjarazzjoni, apparti milli ssahhah il-verzjoni attrici fir-rigward, tikkristalizza l-ingann ezercitat mill-konvenut fuq martu meta, filwaqt li dan kien ghad kellu dejn ma' Antoine Vassallo, huwa xorta wahda ddikjara fuq il-kuntratt li ma kienx hemm dejn iehor gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi *pacta sunt servanda*; u dak li kkuntrattaw il-partijiet, ghalkemm ma jippregudikax lil terzi, jikkostitwixxi ligi bejniethom fit-termini tal-kuntratt.

Illi fl-istess kuntratt il-partijiet, u allura wkoll il-konvenut, assumew "kull responsabbilita' ghall-hlas ta' kull dejn u ghall-ezekuzzjoni ta' kull obbligu assunti minnhom qabel id-data tal-lum …. u ghal dan il-ghan kull parti qeda tobbliga ruhha li tindennizza lill-parti l-ohra f' kaz li dik il-parti tkun kostretta li thallas tali dejn."[6]

---

[3] Fol.45
[4] Fol.50
[5] Fol.9
[6] Fol.9

Ghalhekk ghandu jirrizulta car u manifest li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma fuq indikata li hi kienet kostretta thallas lill-kreditur tal-konvenut ghal dejn, kuntrattat minn dan ta' l-ahhar waqt il-komunjoni ta' l-akkwisti ad insaputa ta' l-attrici u li l-istess konvenut kien zamm mistur minnha meta l-huma ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma fondatai fil-fatt u fid-dritt u jimmeEw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------